# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 23 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 267/21 JVC**

**Rabea Mohamed Salem Jomaah (KI 0078011A) u Hanan Mursel Salama Jarboua (KI 0024464A) bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Lara Joma'ah sive Lara Jomaah**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Rabea Mohamed Salem Jomaah noe kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'IIIi l-minuri Lara Joma'ah sive "Lara Jomaah" twieldet f'Malta, it-30 t'Awwissu 2013 u t-twelid taghha gie debitament registrat f'Malta permezz tac-certifikat tat-twelid numru 4095/2013 (anness bhala "Dok A");

2. Illi fl-imsemmi certifikat, l-isem tar-rikorrenti gie miktub bhala "Lara Joma'ah" meta l-verzjoni korretta ta' isimha hija "Lara Jomaah";

3. IIIi huwa evidenti li l-ufficjal li rcieva n-notifika tat-twelid tar-rikorrenti ha zball ossija *lapsus calami* meta kkopja l-kunjom tal-missier, li huwa wkoll miktub b'mod zbaljat fic-certifikat tat-twelid imsemmi, u dan billi zied il-karattru " ' " bejn il-vokali "a" doppja fl-ahhar tal-kunjom fiz-zewg instanzi;

4. Illi fil-hajja personali u ta' kuljum taghha, gustament, ir-rikorrenti hija maghrufa bl-isem "Lara Jomaah" u mhux bl-isem "Lara Joma'ah" u dan huwa l-isem li l-esponenti tuza ghaliha nnifisha u li bih hija konsistentement maghrufa skont kif trid il-ligi;

5. Illi di più, id-dokumenti ufficjali u registrazzjonijiet kollha taghha f'Malta, ghajr ghac-certifikat tat-twelid, jirriflettu l-isem "Lara Jomaah". Fost dawn issir referenza ghall-permess ta' residenza mahrug minn Identity Malta Agency (anness bhala "Dok B") kif ukoll ghall-*Protection Certificate*

mahrug mill-International Protection Agency (anness bhala "Dok C");

6. Illi bl-istess mod, id-dokumenti kollha ufficjali tal-missier f'Malta, inkluz il-permess ta' residenza (anness bhala "Dok D") kif ukoll il-*Protection Certificate* (anness bhala "Dok E") jirriflettu l-kunjom "Jomaah" u mhux "Joma'ah";

7. Illi l-interess kemm tar-rikorrenti nnifisha kif ukoll tal-genituri taghha *nomine* fil-korrezzjoni necessarja huwa wiehed naturali, car u manifest.

Ghaldaqstant, l-esponenti, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jintalab bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Lara Jomaah" huwa l-isem li r-rikorrenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejha;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru 2095/2013 u kull certifikat iehor jew dokument verjuri relattiv ghar-rikorrenti biex b'hekk l-isem "Lara Joma'ah" ghandu jigi kancellat u sostitwit b'dak "Lara Jomaah".

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi l-minuri 'Lara Joma'ah' twieldet nhar it-30 ta' Awwissu 2013 u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid tagħha, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1', li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 4095 tas-sena 2013. Kif jixhed l-istess Att, kien missier ir-rikorrenti, u ċioe' Rabea Mohamed Salem Joma'ah, illi għamel id-dikjarazzjoni relattiva, f'liem dikjarazzjoni tat-twelid hu stqarr li kunjomu u kunjom il-minuri huwa Joma'ah, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 2'. Għalhekk ma jistax jingħad illi sar xi żball da parti d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fir-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri;

3. Illi magħdud mal-premess u mingħajr preġudizzju għas-suespost, meta missier ir-rikorrenti mar sabiex jirreġistra t-twelid tal-minuri 'Lara Joma'ah', huwa forna lid-Direttur intimat b'diversi dokumenti sabiex jitnisslu d-dettalji relattivi għal tali reġistrazzjoni, liem dokumentazzjoni tikkonsisti fl-Att taż-Żwieġ esteru ta' omm u missier ir-rikorrenti u t-traduzzjoni tal-Att taż-Żwieġ esteru imsemmi, hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. DRP 3' u 'Dok. DRP 4' rispettivament. Kif tixhed it-traduzzjoni tal-Att taż-Żwieġ esteru l-kunjom tal-missier tar-rikorrenti huwa mniżżel bħala 'Joma'ah' u mhux 'Jomaah', u għalhekk ma jistax jingħad illi sar xi żball da parti d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fir-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri;

4. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li għaldaqstant ma jirriżultax li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

5. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

6. Illi l-esponent umilment jirrileva li f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi, ikun idoneju li din l-Onorabbli Qorti tordna wkoll illi **kull fejn hemm indikat il-kunjom tal-missier tar-rikorrenti**, u ċioe' fid-dettalji tiegħu, fid-dettalji tal-omm fejn hemm miktub il-kliem "*wife of the said Rabea Mohamed Salem Joma'ah*" u l-kunjom tan-nannu patern fl-Att tat-Twelid tal-minuri 'Lara Joma'ah' **issir il-korrezzjoni relattiva sabiex il-kunjom 'Joma'ah' jinbidel għall-kunjom 'Jomaah'** u b'hekk jiġi rifless fl-intier il-korrezzjoni li tkun seħħet fil-kunjom tar-rikorrenti;

7. Illi riferibbilment għat-tieni talba wkoll, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll sabiex il-bdil effetwat fl-Att tat-Twelid tagħha jiġi rifless ukoll f'kull ċertifikat ieħor jew dokument verjuri ieħor relattiv għar-rikorrenti. Illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi kollha u mhux f'dokumenti uffiċċjali. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil tal-kunjom tar-rikorrenti fl-Atti tal-iStat Ċivili tagħha, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, **ir-rikorrenti għandha tispeċifika** liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

8.  Illi finalment, mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9.  Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni nhar is-16 ta' April, 2021;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat li minnha jirrizulta li missier il-minuri rikorrenti huwa rikonoxxut bil-kunjom Jomaah miktub shih u minghajr ebda accent fil-kunjom u mhux kif indikat fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti Yasmine.

Rat l-affidavit tal-genituri tal-minuri;

Rat ghalhekk li l-indikazzjoni tal-kunjom 'Joma'ah' spazjat u bl-aeccnt kien zball ta' traduzzjoni u ghalhekk il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati.

Rat illi r-rikorrenti fil-verbal tat-23 ta' Gunju, 2021 iddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li l-ispejjez jigu sopportati minnhom.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1.  Tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi "Lara Jomaah" huwa l-isem li r-rikorrenti tuza ghaliha u li bih hija konsistentement imsejjha;

3. Konsegwentement tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti minuri li jgib in-numru 2095/2013 u kull certifikat iehor jew dokument fil-poter tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku billi kull fejn hemm indikat il-kunjom prezentament miktub bl-ittri 'Joma'ah' ghandu jigi kancellat u sostitwit bil-kunjom 'Jomaah' miktub kif indikat hawn u dan inkluz kull fejn jidher kunjom missier il-minuri.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Gunju, 2021**